

Brussell, 17 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7066/25

SOC 127  
EMPL 86

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali Ftra tas-Sa Kati KÜMNIK, membru supplenti għall-Estonja, minflok is-Sur Reigo ANIER, li rriżenja

---

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Reigo ANIER, bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Estonja).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004<sup>1</sup> li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020<sup>2</sup>, il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' ħames snin.

---

<sup>1</sup> ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Estonja nnomina lis-Sa Kati KÜMNIK għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, kif tinsab fid-dokument 7065/25, u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---